

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Peace United Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 24.1.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2022 – Voco vs EUIPO (Forma ta' imballaġġ)**

(Kawża T-700/21) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade mark tridimensjonali tal-Unjoni Ewropea – Forma ta' imballaġġ – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)*

(2022/C 418/44)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Voco GmbH (Cuxhaven, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Spintig u S. Pietzcker, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Nicolás Gómez u E. Markakis, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-23 ta' Awwissu 2021 (Każ R 117/2021-4).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Voco GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 2, 3.1.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2022 – Łosowski vs EUIPO – Skawiński (KOMBI)**

(Kawża T-730/21) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali KOMBI – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti kombii – Raġuni relattiva ta' invalidità – Probabbiltà ta' konfużjoni – Xebh tas-sinjali – Xebh tal-prodotti u tas-servizzi – Artikolu 8(1) (b) u Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 60(1) (a) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Invokazzjoni ta' dritt suġġettiv fuq l-isem ‘kombi’ skont id-dritt nazzjonali”)*

(2022/C 418/45)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrent: Sławomir Łosowski (Gdańsk, il-Polonja) (rappreżentant: K. Czub, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Grzegorz Skawiński (Sopot, il-Polonja) (rappreżentant: J. Aftyka, avukat)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-8 ta' Settembru 2021 (Każ R 381/2017-5).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sławomir Łosowski hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 24, 17.1.2022.

---

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2022 – Peace United vs EUIPO – 1906 Collins (bâoli)

(Kawża T-754/21) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ revoka – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva bâoli – Dikjarazzjoni ta’ revoka – Assenza ta’ użu ġenwin tat-trade mark – Artikolu 58(1) (a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Prova tal-użu ġenwin – Użu ħażin ta’ dritt”)

(2022/C 418/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Peace United Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Artzimovitch, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: V. Ruzek, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: 1906 Collins LLC (Miami, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentant: C. Mateu, avukata)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Settembru 2021 (Każ R 275/2020-2).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Peace United Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 51, 31.1.2022.